# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 16 T'OTTUBRU, 2000.

**Kawza Nru. 1.**
**Citazz. Nru. 1954/99 JRM.**

**Hugh P. Zammit ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija Galdes & Mamo Limited u din in rappresentanza tal-Kumpanija assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Farrugia sija bil-polza u sija bil-ligi – u l-istess Joseph Farrugia u b'nota tat-22 ta' Frar 2000 is-socjeta' Gasan Mamo Insurance Agency Limited assumiet l-atti ghan-nom ta' Hugh P. Zammit ghan-nom u in**

**rappresentanza tal-kumpanija Galdes & Mamo Limited.**

**vs**

**Reuben Mifsud.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi fid-29 ta' Lulju 1998, gewwa Mriehel By Pass, Mriehel, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-karozza numru CAM 805 huwa habat mal-karozza numru IBB 391 misjuqa minn Laura Farrugia u propjeta' tal-attur Joseph Farrugia u assikurata taht polza "comprehensive" mal-attur nomine;

Illi dan l-incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizia u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi in vista tal-imsemmija polza l-attur nomine ghamel tajjeb ghad-danni kagunati mill-konvenut fil-karozza assikurata mieghu;

Illi d-danni kollha sofferti mill-attur nomine b'konsegwenza tal-incident fuq imsemmi jammontaw ghal elf, sitt mija u disgha u sebghin liri maltin u sitta u disghin centezmu (Lm1679.96) li jinkludu mitt lira maltin (Lm100) 'Excess' imhallas mill-assikurat tal-attur nomine, hekk kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat biex ihallas, huwa baqa' inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur noe;

2. tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' elf, sitt mija u disgha u sebghin liri maltin u sitta u disghin centezmu (Lm1679.96) fuq imsemmija jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. konsegwentement ma ghandhux il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur noe in linea ta' danni l-ammont hekk likwidat;

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Lulju, 1999, u dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment mac-citazzjoni kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza, inkluza n-nota u d-dokumenti pprezentati llum stess waqt is-smigh;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi:-

1. tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur noe;

2. tillikwida dawn id-danni fis-somma ta’ elf sitt mija u disgha u sebghin liri maltin u sitta u disghin centezmu (LM1679.96);

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur noe in linea ta’ danni l-ammont hekk likwidat ta’ elf sitt mija u disgha u sebghin liri maltin u sitta u disghin centezmu (LM1679.96);

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ Lulju 1999, u dawk tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju, kontra l-konvenut.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**16, t'Ottubru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**16, t'Ottubru, 2000.**